RABAT

# KUNSILL LOKALI TAR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 2010

Imhejji

**Mis-Sindku Sandro Craus**

**2 ta' Frar 2011**

## INTRODUZZJONI

Il-mewt tas-Segretarju Ezekuttiv Franco Azzopardi hasdet lil komunita Rabtija u ghalhekk ikun opportun li f'din l-introduzzjoni naghtu tislima lil din il-persuna li hadmet ghall-gid tal-komunita taghna.

Nixtieq li nirringrazzja lil Matthew Dimech li nhatar agent segretarju ezekuttiv ghax-xahar ta' Dicembru u b'hekk ix-xoghol amministrattiv kompla ghaddej. F'dan il-perjodu harget sejha mid-dipartiment biex impjegati tal-Kunsill li huma fuq skala 10 jkunu jistghu japplikaw ghal post ta' deputat segretarju. Kien ghalhekk li jien bhala Sindku  flimkien mal-Vici Sindku Doris Coleiro ipprezentajna mozzjoni biex Roberta Ciantar li ila tahdem il-Kunsill ghal dawn l-ahhar 15 –il sena tigi ikkunsidrata ghal post vakant ta' deputat segretarju ezekuttiv. Infatti din il-mozzjoni tressqet fil-laqgha tal-Kunsill u giet approvata unanimament mill-kunsilliera kollha.

## ATTENDENZA

B'kollox il-Kunsill iltaqa` 13 –il darba u hu ta' sodisfazzjon li l-maggoranza tal-kunsilliera attendew bi hgarhom ghal-laqghat tal-Kunsill fejn flimkien hdimna u organizzajna diversi affarijiet ghall-gid tal-komunita` Rabtija.

| ISEM | ATTENDA | SKUZAT | MHUX SKUZAT |
|---|---|---|---|
| Alexander Craus | 13 | 0 | |
| Doris Coleiro | 10 | 3 | |
| P.P. Azzopardi | 12 | 1 | |
| Antoine Borg | 11 | 2 | |
| Nazju Cassar | 12 | 1 | |
| Frans Chircop | 10 | 3 | |
| Paul Grech | 11 | 2 | |
| Rudolf Grima | 8 | 5 | |
| Dr. Robert Micallef | 10 | 3 | |

## KUMITATI AMMINISTRATTIVI

Fil-5 ta' Gunju, ir-residenti tal-Bahrija u ta' Tal-Virtu` kellhom il-possibilita` li jivvutaw sabiex jinhatru zewg Kumitat Amministrattivi ghaz-zoni rispettivi taghhom. Dawn gew fis-sehh fl-1 ta' Lulju 2010.   Kull kumitat amministrattiv ghandu hames membri.  Dawn huma:

*Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija*

Is-Sur Paul Grech (Chairperson), is-Sur Paul Galea (Vici-Chairperson), is-Sur George Attard, is-Sna. Joann Farrugia Galea u s-Sur Anglu Portelli.

*Kumitat Amministrattiv tal-Virtu`*

Is-Sur Carmel k/a Lino Pace Bonello (Chairperson), is-Sur Anthony Grixti Soler (Vici-Chairperson), is-Sur Christopher Farrugia, is-Sna. Cecilia Bonello u s-Sna. Etienne Stephania Gatt.

**PROGETTI INFRASTRUTTURALI**

Is-sena 2010 kienet sena ohra importanti ghal Kunsill Lokali tar-Rabat. Komplejna hidmietna fil-qasam infrastrutturali u komplejna nahdmu fiz-zona ta' Ghar Barka. Hawn il-Kunsill ghamel diversi xogholijiet kbar f'Ghar Barka. Ghamilna prattikament it-toroq kollha mill-gdid partikolarment:

- Triq Antonio Nani
- Triq Vivaldi
- Triq Mozart
- Triq Beninju Zerafa

F'dawn it-toroq biddilna is-servizzi kollha u ghamilna bankini godda. L-akbar hidma li saret f'din iz-zona kienet il-Bel Veder li sar mill-gdid u li llum qed jitgawda mir-residenti ta' din iz-zona u r-Rabtin ingenerali. Qlajna il-bankina kollha u ghamilniha mill-gdid. Hawn ghamilna wkoll hajt tas-sejjiegh tul il-Bel Veder kollu li gie jaqbel hafna mal-aspett rurali ta' dawn l-inhawi. Ghamilna Bel Veder li jkun accessibli ghall-anzjani taghna, nies bi bzonnijiet specjali u kif ukoll illum it-tfal jistghu jilaghbu f'ambjent ahjar.

Hawn hadna hsieb li naghmlu bankijiet godda, bins kemm ghall-iskart u kif ukoll ghall-materjal tal-klieb. Il-Kunsill installa fanali tad-dawl li huma *energy light efficient*. Dan ghamilnieh biex inkunu konsistenti mal-politika taghna li fejn naghmlu installazjonijiet godda nuzaw dawl li jahli lanqas vultagg possibli. Kien ta' unur ghalija li flimkien ma' shabi l-kunsilliera f'Gimgha Rabat fl-ahhar gimgha ta' Settembru ftahna dan il-progett.

Il-Kunsill rebah ukoll fondi biex issir attivita nazzjonali u l-Kunsill ha l-opportunita li jikseb dawn il-fondi biex issir Triq tal-Virtu peress li minnha kien ser jghaddi l-Papa. B'hekk b'ko-ordinazzjoni mal-Gvern Centrali specjalment mas-segretarjat tal-Gvern Lokali u bl-ghajnuna tal-Onorevoli Chris Said il-Kunsill rebah dawn il-fondi u bis-sahha ta' hekk ghamilna Triq tal-Virtu mill-gdid.

Il-Kunsill irranga wkoll it-Triq tas-Salib, triq ohra fiz-zona rurali, Triq ta' Migra Ferha, it-Triq tal-Bahrija u kif ukoll it-Triq tal-Fiddien. B'kollox ghamilna 7,067 metru kwadru ta' tarmac bi spiza ta' 101,769 ewro.

Ippetcjajna z-zona rurali u kif ukoll urbana fejn ghamilna 10,100 metru kwadru bi spiza ta' 67,067 ewro.

Bankini ghamilna 1,948 metru kwadru bi spiza ta' 56,973 ewro.

Ghad fadal hafna xi jsir pero hidmietna ha tkompli ghaddejja fis-sena 2011 ghall-gid tar-residenti Rabtin. L-ideja taghna hi li nkomplu nnaqsu l-flus fil-patching halli b'hekk il-flus frankanti jigu investiti f'toroq shah bit-tarmak fiz-zona rurali taghna.

Din is-sena hdimna wkoll ma' diversi bdiewa u tajna l-ghajnuna kollha billi provdejna konkos halli jimlew l-hofor fid-diversi sqaqien li ghandna. Dan ghamilnieh fid-diversi zoni rurali taghna.

Ghal habta ta' Awwissu naddafna l-culverts kollha. Dan ghamilnieh biex meta jaghmel il-maltemp ma jkollniex problemi fit-toroq taghna. Hu ferm importanti li dan ix-xoghol isir specjalment fi Vjal il-Haddiem, Triq Had-Dingli, Triq Bir ir-Riebu u Tal-Fiddien peress li huma zoni ferm importanti ghall-'flow' tal-traffiku.

## XOGHOL TA' MANUTENZJONI

Il-haddiema tal-IPSL ghamlu diversi xogholijiet ta' manutenzjoni fit-toroq taghna. Hawn niehu l-okkazjoni biex nirringrazzjhom minn qalbi ghal hidmiethom biex ikollna servizz efficjenti biex naqdu lir-residenti fl-ilmenti taghhom. Ghamlu *refresh* tas-sinjali tat-traffiku f'numru kbir ta' toroq, irrangaw bankini u kurduni, wahhlu diversi mirja, ghamlu manutenzjoni fid-diversi bankijiet li hawn ir-Rabat, zebghu cnut u hitan u ghamlu manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill. Kif ukoll xoghol ta' manutenzjoni fil-Gnien ta' Ghar Barka wara li persuni rresponsabbli ghamlu hafna hsara bl-atti vandali li wettqu. Dan kollu huwa xoghol imprezzabbli, u li iffrankaw eluf ta' ewro lill-Kunsill.

## INDAFA PUBBLIKA

Il-Kunsill minn dejjem pogga l-indafa pubblika bhala wahda mill-prioritajiet tal-Kunsill. Din is-sena introducejna diversi inizjattivi biex naraw li l-lokalita taghna tkun aktar nadifa. Ghamilna diversi inizjattivi fis-sena 2010 u nhossuna sodisafatti li llum dawn qed jirnexxu. Fuq il-gbir ta' l-iskart qed nonfqu 132,000 ewro, 84,000 ewro fuq ir-rimi tal-iskart u 87,000 ewro fuq il-knis.

Ghamilna numru ta' *bring in sites* madwar ir-Rabat biex ikunu ta' incentiv halli r-residenti jisseparaw l-iskart. Qassamna wkoll numru kbir ta' boroz grizi b'xejn lir-residenti u dahhalna t-Tlieta bhala l-gurnata fejn ma tingabarx il-borza s-sewda u tingabar biss il-borza l-griza. Dan qed naghmluh ghax nemmnu fl-importanza tas-separazzjoni tal-iskart u hidmietna ha tkompli tkun iffukata fuq dan l-aspett biex verament nghinu fil-kampanja nazzjonali li nirriciklaw aktar skart.

Qed inheggu lill-hwienet biex jirriciklaw aktar u b'hekk dahhalna li mit-Tlieta sal-Gimgha nigbru kartun u plastik mill-hwienet taghhom. Qed naghmlu numru ta' bins kanella f'zoni fejn hemm ristoranti halli nikkoragguhom li jarmu l-fliexken tal-hgieg taghhom fihom u b'hekk innaqsu t-toqol mill-gabra ta' kuljum. Din twassal biex il-Kunsill jonfoq anqas f'dak li qed ticcargjana l-Waste Serve meta narmu l-iskart fis-siti taghha.

**QTUGH TA' HAXIX**

Sar ukoll il-qtugh ta' haxix minn numru ta' trejqiet fil-kampanja, fosthom l-Ghemmieri, il-Lunzjata, il-Kuncizzjoni, Landrijiet, l-Imtahleb, il-Bahrija, Wied il-Buzbiez u Raba Nemel.

**MAGAZINE**

Ghal-ewwel darba l-Kunsill hareg il-harga tieghu b'*format* differenti. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Julian Tabone li flimkien ma' numru ta' voluntiera ohra qed jipprezentaw ir-Rabta b'*format* differenti u b'dehra aktar professjonali. Hu l-hsieb tal-Kunsill li jibqa` johrog b'*format* ta' *magazine* peress li kellna numru ta' suggerimenti biex naghmlu dan minn numru ta' kollezzjonisti Rabtin. Il-Kunsill f'dawn il-hargiet jinkoraggixxi lir-residenti biex jippartecipaw permezz ta' kitbiethom halli b'hekk din ir-rivista tkun verament qed tilhaq l-aspettativi tar-residenti minn diversi angoli.

**EDUKAZZJONI**

Prjorita mportanti hafna li l-Kunsill qed jaghti hu l-aspett edukattiv. Il-Kunsill Lokali organizza diversi korsijiet edukattivi matul l-2010, kemm dawk indirizzati lejn it-tfal u kif ukoll lejn l-adulti. Fl-2010 l-aktar korsijiet li kienu ta' success kienu dawk ta' E-Tfal u kif ukoll dawk indirizzati lejn it-taghlim ta' kompjuter tal-adulti. Dawn qed naghmluhom biex niggieldu l-illiterizmu f'dan il-qasam. Hidmietna fil-qasam edukattiv trid tkompli tikber fis-snin li gejjin u huwa fil-hsieb taghna li naghmlu aktar korsijiet edukattivi.

Flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni qed norganizzaw korsijiet fil-Malti u l-Ingliz ghall-Adulti. Qed ikollna numru ta' partecipanti sabih fejn bhala Kunsill qed inheggu biex ikollna numru kbir ta' partecipanti f'dawn il-korsijiet.

Bhala Kunsill qed nixtru diversi kotba ghal-libreriji tal-iskejjel. Tajna numru ta' kotba lill-iskola Primarja tar-Rabat u kif ukoll li tal-Bahrija. Qed nipromovu l-imhabba lejn il-ktieb u dan qed naghmluh b'konvinzjoni.

**WEBSITE GDIDA**

Il-Kunsill hadem ukoll biex jaghmel website gdida biex tkun tista tilqa` ghall-htigijiet tal-lum. Hafna residenti kienu ta' sikwit jitolbuna nformazzjoni fuq ir-Rabat minhabba progetti tat-tfal li jkollhom fuq il-lokalita taghna. Numru ta' residenti ipproponew li jkollom access ghal numru ta' applikazjonijiet mil-website taghna. Fuq dawn is-suggerimenti hdimna ma' kumpanija privata biex din il-website il-gdida tilhaq l-aspettativi tar-residenti u llum nistghu nghidu li kull haga li tkun ghaddejja fil-lokalita` taghna tista tigi rreklamata fil-website tal-Kunsill. Fis-snin li gejjin irridu nahdmu biex il-website tkun aktar uzata mir-residenti specjalment fejn jidhlu lmenti u suggerimenti.

**KULTURA**

Il-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet u ghen numru ta' attivitajiet ohra li gew organizzati minn socjetajiet jew ghaqdiet ohra. Il-Kunsill hadem biex ghal darb'ohra jorganizza numru ta' attivitajiet li jikkomemoraw Jum ir-Rabat.

**PROGRAMM TA' GIMGHA RABAT**

Il-Hadd 19 ta' Settembru tajna bidu ghal din il-gimgha b'quddiesa ta' Radd il-Hajr fil-parrocca tar-Rabat, fejn il-grupp Tiberija animaw din il-quddiesa.

It-Tlieta 21 ta' Settembru laqqajna z-zaghazagh Rabtin fil-Kunsill fejn is-Sindku flimkien ma' numru ta' Kunsilliera dduskutejna diversi *issues* dwar kif dawn iz-zghazagh jixtiequ jaraw ir-Rabat fil-futur. In-numru ta' zghazagh li attendew issuggerew numru ta' inizjattivi li hafna minnhom kienu wkoll innovattivi. L-idea li harget wara din il-laqgha kienet li jifforma il-Kunsill taz-Zghazagh fis-sena 2011.

L-Erbgha 22 ta' Settembru gie organizzat *coffee morning* ghall-anzjani gewwa r-Razzett tal-Hbiberija. Dak inhar stess filghaxija inawgurajna wirja mtella` minn tliet artisti Rabtin, Sunny Xuereb, Joe Genovese u Franjessica Vella. Din il-wirja ttellat gewwa l-Muzew Wignacourt. Tajna l-opportunita lil Ms Vella li tesebixxi ghal-ewwel darba ix-xogholijiet taghha. Inizjattiva li l-kunsill qed jiehu biex jippromovi xoghol minn zghazagh promettenti.

Il-Hamis 23 ta' Settembru tellajna Lejla Muziko-Letterarja biswit il-Belveder ta' Ghar Barka fejn inawgurajna l-progett ta' Ghar Barka. Hawn gew mistiedna ir-residenti ta' din iz-zona u flimkien iccelebrajna x-xoghol estensiv li sar f'din iz-zona.

Is-Sibt 25 ta' Settembru ra l-bidu tal-Motor Sports Festival fuq is-Saqqajja. Hawn gew mistiedna l-Assocjazzjoni tal-Go Karts, Mini Motors u Drifting .

Il-Hadd 26 ta' Settembru filghodu kompla l-Motor Sport Festival b'Wirja ta' Karozzi Klassici fuq is-Saqqajja, Offroad Enduro fi Triq it-Tabia u Hill Climb gewwa l-Imtahleb.

Dawn iz-zewg avvenimenti gibdu mijiet ta' ammiraturi u kien weekend ta' success.

Il-Hadd stess filghaxija ittella` l-Kuncert Annwali mill-Banda Konti Ruggieru fejn it-Tabib Joseph Ferriggi inghata Gieh ir-Rabat ghall-kontribut konkret fl-oqsma socjali u filantropici. Iz-zaghzugh Rabti Gianluca Dingli inghata l-premju Zaghzugh tas-Sena ghall-kontribut konkret fil-qasam sportiv.

**JUM IL-BIDWI**

Tajna l-ghajnuna taghna biex gie organizzat Jum il-Bidwi fejn flimkien mal-Ghaqda tal-Armar ta' San Pawl hdimna biex norganizzaw dan il-Jum f'gieh il-hidmet il-bdiewa fil-qasam tal-biedja. Kellna numru sabih hafna ta' partecipanti fejn organizzajna sfilata b'dawn it-trakkijiet u kull bidwi ipprezenta prodotti agrikoli li gew mghotija lill-istitut tat-tfal ta' Gwardamangia. F'din is-serata giet organizzata wkoll serata tal-inbid fejn il-Kunsill xtara trofew lir-rebbieha. Niehu l-okkazjoni biex

nirringrazzja lil Stephen Bonello u Franco Camilleri tal-ghajnuna li taw biex din l-attivita` kienet success.

Tajna l-ghajnuna biex ghal darb'ohra giet organizzata "Ilwien ir-Rebbiegha". Din l-attivita giet organizzata mill-Kumitat ta' voluntiera li jattendu l-kappella ta' San Luqa fin-Nigret. F'din l-attivita gew mistiedna wkoll il-Koperattiva tal-Majjala fejn gew esebiti numru kbir ta' majjala li gibdet l-attenzjoni ta' dawk prezenti. Kien hemm ukoll numru ta' tajr tal-priza ddomestikati fejn hafna hadu l-interess jaraw kif jigu mrobbija. Kien hemm ukoll numru ta' kantanti li animaw is-serata.. Attivita li minn sena ghal ohra qeghda tikber. F'din l-okkazjoni l-Kunsill hawwel sigra biex tikkomemora din l-attivita.

Il-Kazin tal-Banda L'Isle Adam flimkien mal-patrijiet Frangiskani fethu l-kunvent ghal-pubbliku. Hawn attendew diversi nies li hadu interess kbir fl-istorja ta' dan il-kunvent. Hafna nies urew ix-xewqa li dawn l-attivitajiet jitkomplew. Il-Kunsill hadem biex jigi ppubblikat fuljett zghir ta' informazzjoni storika dwar dan il-kunvent.

Ghal darba ohra fiz-zminijiet tal-Gimgha Mqaddsa l-Kunsill organizza il-play 'IL-Mixja' fit-toroq ewlenin tar-Rabat. Din il-play minn sena ghal ohra qed izzid fil-popolarita taghha u qed ikollna attendenza tajba hafna. Din il-play jiddireguha s-sur Michael Bondin u s-sur Alan Fenech li b'mod professjonali hafna jtellghu serata tal-ghola livell.

**SERVIZZ TA' TRASPORT**

Bhas-snin l-imghodijja l-Kunsill ha hsieb li jipprovdi servizz ta' transport lir-residenti tal-Bahrija. Dan is-servizz bqajna noffruh biex ir-residenti tal-Bahrija u l-akwati jkunu jistghu jigu fic-centru tar-Rabat biex jaqdu l-htigijiet taghhom. Mil-banda l-ohra l-Kunsill qed joffri servizz ta' transport lit-tfal Rabtin li jattendu n-nursery tar-Rabat Ajax biex imorru fil-grawnd tal-Imtarfa. Dan qed naghmluh biex nghinu u ninkkoragixxu lit-tfal li m'ghandhomx transport privat jattendu n-nursery u jippartecipaw f'ezercizzju fiziku.

**ANZJANI**

Bejn Jannar u Dicembru 2010 saru tlettax-il harga ghall-anzjani. Dawn kienu jvarjaw minn Coffee Mornings, ghall-Harbour Cruise, kif ukoll hargiet ghall-bahar fix-xhur tas-Sajf. F'Jum l-Anzjan, 1 ta' Ottubru, kif ukoll fi zmien il-Milied, saru zewg parties. L-attendenza ghal dawn l-attivitajiet kienet tajba hafna. L-ammont kien ta' 1680, medja ta' 129 fix-xahar.

Id-Day Centre ghall-anzjani fir-Rabat huwa wiehed popolari hafna. Dan jiftah kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn 9.00 a.m. u 12.30 p.m. L-anzjani jilghabu t-tombla, jieklu xi snack u jsegwu xi talks interessanti dwar sahhithom minn kelliema esperti f'dan il-qasam. F'Jum l-Anzjan, fil-Milied u fl-anniversarju tal-Ftuh tad-Day Centre, jigifieri fit-8 ta' Mejju, inghataw rigal kull wiehed. L-attendenza ghandha medja ta' 60 persuna kull darba. Ta' min wiehed ifahhar l-ghajnuna siewja li jaghtu numru mdaqqas ta' voluntiera biex dawn l-attivitajiet ikunu success.

## PROGETTI UNJONI EWROPEA U FONDI SPECJALI

Hawn il-Kunsill applika ghal diversi progetti u ha nelenka ghal x'hiex applikajna u fejn diga` ghandna risposta.

**Ricerka dwar l-iStudju li ghandu jsir biex il-Lokalita taghna jkollha Energija Sostenibbli**: Dan kien jaqa` taht l-iskema ta' Fondi Specjali mahrug mid-Dipartment tal-Kunsilli Lokali u li l-Kunsill irnexxielu jirbah il-massimu ta' €20,000. Il-Kunsill ha jaghmel studju li barra li ha nikkunsmaw anqas vultagg fil-konsum tal-elettriku ha naraw li nonfqu mill-ispiza rikorrenti fit-tibdil ta' bozoz kull sena liema spiza qed tlehhaq mas-€27,067.23 u li fl-opinjoni taghna hi wahda li tista tigi kkontrollata.

**Skema Fondi Specjali dwar Accessibilta:** Il-Kunsill rebah is-somma ta'€10,000 ewro biex jintuzaw fl-ufficji taghna halli din il-propjeta naghmluha accessibli ghall-anzjani taghna u ghal nies bi bzonnijiet specjali. Dawn il-fondi ghadhom ma jistghux jintuzaw peress li ghadna qed nistennew il-permessi mehtiega.

**Skema ghal Attivitajiet Specjali:** Il-Kunsill rebah is-somma ta' €20,000 f'din l-iskema. Dan sehh minhabba l-fatt li l-Kunsill ressaq it-talba tieghu biex tigi irrangata Virtu Road minhabba l-fatt li kien gej il-Papa u kellu jghaddi minn din it-triq fi triqtu lejn in-Nunzjatura.

**Skema tar-Restawr:** Il-Kunsill ressaq proposta ta' madwar €20,000 biex jirrestawra l-istatwi li hemm fuq iz-zuntier. Din il-proposta ma gietx milqugha u l-Kunsill kull ma inghata kienu is-somma ta' €1,000 biex jirrestawra il-monument fejn hemm il-lifa ta' San Pawl. Decizjoni li ma qbilniex maghha peress li din il-parti tinsab fi stat hazin hafna.

**Progett tal-Unjoni Ewropea –ERDF PRIORITY AXIS 2.**

Din is-sejha kienet intiza biex jigu zvillupati l-pjazzez li jattiraw it-turisti. Kien ghalhekk li l-Kunsill ressaq proposta ambizzjuza ferm biex tigi zviluppata t-tieni fazi tal-Pjazza jigifieri il-parti ta' wara tac-Centru Civiku sa fejn hemm l-istatwa ta' San Katald, Triq Santa Rita fejn hemm il-parkegg tal-karozzi u l-passagga taz-zuntier tal-Knisja.
Sfortunatament u tal-iskantament dan il-progett ma giex accettat mill-bord aggudikattiv fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru. Bhala Kunsill ha nipprotestaw fuq diversi punti li ghandhom jigu iccarati.

## IL-MIGJA TAL-PAPA BENEDITTU XVI

Fis-17 u 18 ta' April 2010 gie l-Papa Benedittu XVI fostna. Kienet attivita` mill-isbah u hdimna hafna biex l-attivita` tkun success. Ir-Rabat inghata *facelift* tajba hafna bl-ghajnuna wkoll tal-gvern centrali. Ghamilna mil-gdid Triq tal-Virtu u installajna l-funtana fil-pjazza li llum saret attrazzjoni mat-turisti u l-Maltin li jigu jzuruna. Kienet attivita li ghaqdet il-poplu Rabti u is-Sibt 17 ta' April jien bhala s-Sindku tar-Rabat flimkien mal-mara u t-tifla tieghi lqajna lil-Papa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Hawn ta' min ifahhar liz-zewg baned taghna li flimkien ghamlu marc tal-okkazjoni li beda minn quddiem il-Kazin tas-Socjeta San Pawl Konti Ruggieru u spicca fuq iz-zuntier. L-

ghaqda bejn ir-Ranbtin dak inhar kienet tirrenja u nahseb li kienet attivita li marret tajjeb hafna ma’ dawk prezenti.

**KONKLUZJONI**

Is-sena 2010 kienet sena li halliet impatt fuq ir-Rabat u r-Rabtin. Hidmietna qed tkun konsistenti tul is-sena kollha u nista nghid li dak li qed isir minn naha taghna qed ikun apprezzat hafna mir-residenti. Illum aktar minn qatt qabel mhux facli li tmexxi Kunsill. Hidmet il-Kunsill saret wahda aktar vasta u mpenjattiva. Illum il-Kunsill jista jkun sodisfatt li fil-qasam infrastrutturali, edukattiv, kulturali u socjali qed ikun minn ta’ quddiem nett f’Malta u Ghawdex kollu. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat huwa wiehed mill-aktar Kunsilli li qed ikollu rizultati tajbin u dan ma jistax jintlahaq jekk mhux ahna l-kunsilliera nibqghu maqghudin u nahdmu ghall-gid tal-lokalita. Wiehed ma jistax ihalli barra l-hidma kontinwa tal-haddiema klerikali taghna u tal-haddiema tal-IPSL li minghajr hidmiethom zgur li l-kunsill ma jkunx jista jiffunzjona.

Alexander Craus
Sindku